# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 21 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 793/2019 AF**

**Marlene Busuttil**

**vs**

**Healthmark Care Services Limited (C-62096)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Marlene Busuttil, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-socjetà intimata bhala *Care Worker Reduced Hours Full-Time*, mid-9 ta' Novembru 2015 sat-13 ta' Awwissu 2018. Matul dan iz-zmien hija dejjem qdiet fedelment l-obbligi tal-impieg taghha.

Fit-23 ta' Lulju tas-sena 2018, ir-rikorrenti ssottomettiet lis-socjetà intimata ittra ta' rizenja mill-impieg taghha (Dok. 1).

Ir-rizenja tar-rikorrenti giet *acknowledged* mis-socjetà intimata permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2018 (Dok. 2).

Din l-*acknowledgement of resignation* tikkonferma li r-rikorrenti rrizenjat mill-impieg taghha volontarjament u qed jigi stipulat in-*notice period* li r-rikorrenti kellha tkompli tahdem skond il-ligi.

Ir-rikorrenti ghalhekk bdiet tahdem in-*notice period* hekk kif indikat fl-ittra.

Gimghatejn minn meta bdiet tahdem dan il-perjodu, precizament fit-13 ta' Awwissu 2018, hija giet vjetata mill-management tas-socjetà intimata li tkompli tahdem u ma thallitx tidhol izjed ghax-xoghol minghajr ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghal dan l-agir illegali tas-socjetà.

Ma kien hemm l-ebda raguni valida fil-ligi biex ir-rikorrenti tgi mwaqqfa milli tkompli tahdem in-*notice period*. Ghalhekk jirrizulta li l-agir tas-socjetà huwa solament intiz biex ma thallasx lir-rikorrenti dak li huwa legalment dovut lilha.

Ir-rikorrenti skopriet, meta marret l-ufficcju tal-*Jobsplus* biex titlob formola tal-*employment history* taghha, li r-raguni tat-tmiem tal-impieg taghha moghti mis-socjetà intimata lil *Jobsplus* kien dik ta' "tkeccija fuq ragunijiet dixxiplinarji" (Dok. 3).

Ir-rikorrenti tishaq li ma kienitx infurmata, la verbalment u lanqas bil-kitba, dwar xi ragunijiet dixxiplinarji mis-socjetà intimata fil-konfront taghha.

Is-socjetà intimata offriet lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn u sbatax-il Ewro u wiehed u sittin centezmu (€1,217.61) ghas-saldu ta' salarju tal-perjodu ta' impieg inkluz *allowances* li r-rikorrenti kienet tippercepixxi, kif ukoll spejjez inkorsi mir-rikorrenti fix-xoghol li kellha ghal perjodu 01/08/2018 sa 13/08/2018 (Dok. 4).

Ir-rikorrenti ma taqbilx li dan l-ammont biss hu dovut lilha u qeghda prezenjalment telenka l-ammont pretiz minnha mis-socjetà intimata, cioè:

1. Is-somma ta' €1,217.61 rapprezentanti s-salarju, *allowances* u spejjez inkorsi mir-rikorrenti ghal perjodu 01/08/2018 sa 13/08/2018;

2. 10 gimghat *notice period* li r-rikorrenti kellha dritt tkompli tahdem ekwivali ghal 10 x 40 siegha = 400 siegha, li bir-rata bazika skond l-*payslip*, ta' €7.57 = €3028.00;

3. Bonus ta' Settembru 2018 = €52.00;

4. *Pro-rata* Bonus 13/08/2018 sa 15/10/2018 = €89.77;

5. *Public Holiday Triple Allowances* tat-8 u tal-21 ta' Settembru 2018 = 14 x €7.57 = €105.98;

6. 70 siegha *leave* li r-rikorrenti kienet intitolata ghalihom izda ma hadithomx minhabba l-impenn tax-xoghol taghha, liema *leave* kien normalment jinbidel fi hlas jekk ma jittihidx. Dan jammonta ghal 70 x €7.57 = €529.90;

7. Spejjez ta' *fuel allowance* u telefonati = €160.00;

8. Total finali dovut mis-socjetà lir-rikorrenti huwa ta' **hamest'elef Ewro mija u tlieta u tmenin u sitta u ghoxrin centezmu (€5,183.26)**.

Is-socjetà intimata giet interpellata permezz ta' ittra bonarja tas-7 ta' Ottubru 2018 biex thallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamest'elef Ewro mija u tlieta u tmenin u sitta u ghoxrin centezmu (€5,183.26), izda s-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Ir-rikorrenti irreferiet il-kaz tat-tkeccija ngusta taghha mill-impieg mas-socjetà konvenuta lit-Tribunal Industrijali, kaz numru 3698/ET, liema kaz ghadu pendenti.

B'decizjoni preliminari numru 2577, it-Tribunal Industrijali astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet (2), (3) u (4) fid-Dikjarazzjoni ghal Ftuh tal-Kaz tal-5 ta' Novembru 2018 (Dok. 6).

Ghalhekk ir-rikorrenti kellha tirrikorri ghal din il-kawza sabiex tissalvagwardja d-drittijiet legali taghha anke ghal fini ta' preskrizzjoni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-socjetà intimata dovuta thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamest'elef Ewro mija u tlieta u tmenin u sitta u ghoxrin centezmu (€5,183.26), flimkien ma' interessi legali mit-13 ta' Awwissu 2018.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallasha s-somma precitata flimkien ma' interessi legali mit-13 ta' Awwissu 2018.

3. Tordna lis-socjetà intimata sabiex thassar ir-raguni tat-tmiem tal-impieg fuq l-employment history taghha moghti lil Jobsplus minn dik ta' "tkeccija fuq ragunijiet dixxiplinarji" ghal dik ta' "rizenja".

4. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Ottubru 2018, kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti li jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Healthmark Care Services Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok, in linea preliminari, li din l-Onorabbli Qorti, l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, mhix kompetenti tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet mressqa, peress illi:

a) Hija **nkompetenti rationae valoris** in kwantu l-ewwel (u t-tieni talba li ssegwi), li fi kliem l-istess attrici, hija ghat-talba ghall-hlas tas-somma ta' hamest'elef, mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,183.26), u allura ai termini tal-Artiklu 47 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, t-talba kellha tigi maghmula lil Qorti diversa u mhux lil Prim'Awla tal-Qorti Civili.

b) Hija **nkompetenti rationae materie** in kwantu t-tielet talba ghaliex jekk ir-raguni moghtija ghat-temm tal-impjeig hix wahda gusta jew le hija mertu ta' proceduri esklussivi tat-Tribunal Industrijali, ai termini tal-Artiklu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inoltre, kif tistqarr l-istess attrici, proceduri gja minnha inizjalati permezz ta' proceduri 36989ET.

Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost illi biex din l-Onorabbli Qorti tordna dak mitlub fit-tielet talba attrici, allura huwa necessarju l-kjamat in kawza tal-istess JobsPlus.

Fit-tielet lok u fil-mertu imma dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit ulterjorment illi t-talbiet attrici ma ghandhomx mis-sewwa u ghandhom jigu rigettati ghas-segwenti ragunijiet:

a) Fl-ewwel lok ghaliex minkejja illi hija kienet tat ir-rizenja taghha u kienet qed tahdem in-*notice period*, hija xorta wahda kienet soggetta ghad-dixxiplina tal-principal taghha

u t-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma kienx rizultat tal-fatt illi l-principal ma riediex tibqa' tirraporta ghax-xoghol matul in-*notice period*, imma rizultat ta' decizjoni dixxiplinari li ttiehdet fil-konfront tal-attrici – kollox kif qed jigi diskuzz fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali msemmija aktar 'il fuq – kwindi r-raguni ghaliex mhix intitolata ghal dak minnha mitlub.

b) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju irid jinghad illi anke l-kalkolu maghmul mill-attrici fir-rikors guramentat taghha huwa ghal kollox zbaljat, ghaliex *se mai* l-10 gimghat (punt 2) jinkorpora wkoll 70 siegha leave (punt 6), oltre milli *triple allowances* (punt 5) jigu dovuti biss jekk isir xoghol filf-esta pubblika, li ma kienx il-kaz fil-kaz tal-attrici ghax sfat mkeccija, u finalment, *fuel* u *telephone allowances* (punt 7) huma dovuti biss jekk tirraporta ghax-xoghol, li fil-kaz in ezami, l-attrici ma setghet qatt taghmel ghaliex l-impieg taghha gie mitmum fuq dixxiplina – kwindi s-somma kif mitlub hija *in ogni caso* mhux dovuta.

c) Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif anke rikonoxxut mill-istess attrici u kif minnha stess premess, is-socjetà esponenti kkalkolat, skond il-*payroll system* taghha, kif accettata u *audited*, kemm kien dovut lill-attrici ghaz-zmien li hadmet sakemm sfat mkeccija, u dak dovut lilha, ossia, s-somma ta' elf, mitejn u sbatax-il Ewro u wiehed u sittin centezmu (€1217.61), giet offerta lill-attrici li minn naha rrifjutahom minghajr raguni valida – fuq liema somma, s-socjetà konvenuta la ghandha tehel spejjes u lanqas imghax in vista tal-offerta maghmula kif premess.

d) Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fir-rigward tar-raba' talba qed jigi eccepit illi spejjez fir-rigward ta' ittri bonarji kif mitlub ma jistghux jigu milqugha mill-ebda Qorti.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tordna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' €5,183.26 in linea ta' salarju, *allowances*, *bonuses*, *leave* mhux utilizzat u spejjeż li tgħid li huma dovuti lilha sa dakinhar tat-tmiem tal-impieg tagħha mal-konvenuta. L-attriċi qiegħda titlob ukoll lill-Qorti tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex tibdel ir-raġuni tat-tmiem tal-impieg minn 'tkeċċija' għal 'riżenja' għal finijiet tal-informazzjoni miżmuma mill-Jobsplus.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi kienet impjegata mal-konvenuta mid-9 ta' Novembru 2015 sat-13 ta' Awwissu 2018. Fit-23 ta' Lulju 2018 l-attriċi ssottomettiet ittra ta' riżenja li ġiet aċċettata mill-konvenuta. Fil-fatt, il-konvenuta rrispondiet b'ittra li tikkonferma li l-attriċi rriżenjat mill-impieg tagħha volontarjament u ġie stipulat in-*notice period* li l-attriċi kellha taħdem skont il-liġi. Madanakollu, l-attriċi tkeċċiet mill-impieg fit-13 ta' Awwissu 2018. Hija tikkontendi li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar din it-tkeċċija.

L-attriċi fetħet proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn wara li talbet lit-Tribunal jiddikjara li ma kien hemm l-ebda raġunijiet dixxiplinari kontriha mis-soċjetà konvenuta li setgħu wasslu għat-tkeċċija tagħha mill-impieg skont il-liġi, ressqet ukoll talbiet identiċi għal dawk tal-lum. Permezz ta' deċiżjoni preliminari tat-28 ta' Frar 2019, it-Tribunal iddikjara li mhuwiex kompetenti sabiex jiddeċiedi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attriċi u sussegwentement l-attriċi ressqet dawn l-istess talbiet quddiem din il-Qorti. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal għadhom għaddejjin fil-konfront tat-talba għal dikjarazzjoni ta' tkeċċija inġusta u danni.

Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi preliminarjament li din il-Qorti mhijiex kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi kif ukoll li huwa meħtieġ li tiġi msejħa fil-kawża Jobsplus. Fil-mertu teċċepixxi li l-attriċi fil-fatt tkeċċiet mill-impieg waqt li kienet qiegħda taħdem in-*notice*

*period* u dan riżultat ta' deċiżjoni dixxiplinarja u li għalhekk, is-somma dovuta lill-attriċi hija fil-fatt ħafna inqas milli qiegħda tippretendi l-istess attriċi. Il-konvenuta teċċepixxi wkoll illi hija kienet offriet lill-attriċi s-somma ta' €1217.61 li madanakollu ġiet rifjutata.

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* u *ratione materiae* ta' din il-Qorti.

Il-Qorti qieset il-kwistjoni miġjuba quddiemha u tasal għall-konklużjoni li l-mertu ta' din l-azzjoni ma jistax jiġi trattat u deċiż mill-Qrati Ċivili qabel ma jiġu fi tmiemhom il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

It-talbiet li qiegħda tagħmel l-attriċi ma jistgħux jiġu mistħarrġa u deċiżi qabel ma t-Tribunal jiddeċiedi l-kwistjoni li għandu kompetenza esklussiva sabiex jiddeċiedi, u ċioè jekk kienx hemm tkeċċija nġusta tal-attriċi da parti tas-soċjetà konvenuta.

L-ebda Qorti ma tista' tiddeċiedi kemm hija s-somma dovuta lill-attriċi skont il-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha qabel ma jiġi stabbilit jekk il-konvenuta kinetx ġustifikata meta tterminat l-impieg u wisq inqas jista' jiġi deċiż jekk għandux isir bdil fir-rekords li żżomm Jobsplus għal dak li għandu x'jaqsam mar-raġuni tat-terminazzjoni tal-impieg tal-attriċi.

Is-soprassessjoni hija miżura straordinajra f'ċirkostanzi eċċezzjonali li min-natura intrinsika tagħha għandha l-effett, allavolja mhux mixtieq, li ttawwal il-proċeduri li jiġu sospiżi. Il-kejl dwar jekk is-soprassessjoni hiex meħtieġa jew le jiddependi minn kemm il-Qorti li tiġi rinfaċċjata b'talba simili hiex tal-fehma illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi effettwata negattivament jekk qabel tiddeċiedi l-każ li għandha quddiemha ma jkunx qabel xejn deċiż il-mertu tal-kawża l-oħra. (AC Fuels Limited vs Anthony Schembri et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta, fid-29 ta' Ottubru 2019).

Il-Qrati tagħna dejjem użaw kawtela kbira qabel ikkonċedew soprasessjoni f'kawża u dan in vista tar-riperkussjonijiet li din inevitabilment iġġib magħha. Infatti din il-miżura tintuża biss

f'każijiet eċċezzjonali. Ingħad hekk fil-każ ta' John Debono et vs Mario Buhagiar et, deċiż fil-21 ta' Jannar 2016.

> *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> *Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*
>
> *Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf;*

*Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti tqis li l-mertu tal-proċeduri quddiem it-Tribunal indubjament ser jimpinġu fuq il-mertu f'din il-kawża. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti għandha idejha marbutin għaliex kollox jiddependi minn dak li ser jiġi deċiż mit-Tribunal Industrijali. Biex tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fil-mertu, l-ewwel irid jiġi stabbilit jekk kienx hemm tkeċċija inġusta, kwistjoni li taqa' esklussivament fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tordna s-soprasessjoni ta' din il-kawża, li tkun riappuntabbli fuq talba ta' kull waħda mill-partijiet fi żmien perentorju ta' xahar minn meta proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn Marlene Busuttil u Healthmark Care Services Limited jiġu deċiżi finalment jew altrimenti terminati definittivament. L-ispejjeż jibqghu rizervati ghas-sentenza finali.

IMHALLEF

DEP/REG